# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 74/2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Sharon Borg**

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Sharon Borg detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 237595M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-Sibt 27 t'Ottubru, 2018 mill-16:00hrs sas 16:30hrs, nhar 30 t'Ottubru, 2018 mill-17:00hrs sas-19:00hrs u nhar l-1 ta' Novembru, 2018 mill-17:00hrs sas-19:00hrs fil-gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat (Kap 9 , Artikolu 18), rrifjutat li tagħti

aċċess lil wild taħt kustodja taghha lil Martin Dimech , hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa. (Kap 9 Artikolu 338 II)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 ta' Frar, 2019 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-Sharon Borg ħatja tal-imputazzjoni mressqa kontra tagħha u kkundannatha mitejn Ewro (€200) multa.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sharon Borg, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2019, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha, iżda **tirrevokha** u tħassarha in kwantu l-appellanta kienet ikkundannata għall-piena ta' mitejn Ewro (€200) u minflok tordna li l-istess appellanta tkun kkundannata għal dik il-piena anqas gravuża li jogħġobha timponi din il-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

1. Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti wara li sabet htija fiha in segwitu ta' ammissjoni dwar il-fatt li naqset milli taghti access lill-missier ghall-wild taghhom minhabba ragunijiet pekunarji u dan meta kienet obligata li taghti dan l-access b'ordni tal-Qorti kif rifless f'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. L-appellanta ressqet l-gravam singolari li ghad li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda li tirrientra fil-parametri tal-liġi u li hija wahda li ma tistax titqies bhala wahda, madanakollu kien hemm '*ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti*'.

3. Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' missier il-wild li ddikjara li l-imputata kienet taghmel xhur shah tirrifjuta li taghtih access minkejja li din il-kwistjoni kienet regolata bil-Qorti. Kien biss wara l-ghoti tas-sentenza mill-ewwel Qorti li l-imputata bdiet taderixxi mad-digriet tal-Qorti msemmi *supra*. Kien f'dan ir-rigward li l-kwerelant xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma li l-aċċessi saru regolari u l-affarijiet ta' bejniethom qed jitranġaw u li bhal ma gara drabi ohra kien qed jaħfer lill-imputata [anke jekk f'dan l-istadju il-mahfra jew rinunzja ma tistax twassal ghall-ezawriment tal-proceduri];

4. Kif evidenti fir-rikors tal-istess appellanta, hija ben konxja tal-monitu wisq drabi maghmul mill-Qrati taghna li mhux normali li f'dan l-istadju tkun disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn li jiddemostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata. Tajjeb ukoll li jkun ritenut mill-gdid il-principju stabbilit li ammissjoni ma ggibx maghha xi dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u li meta ssir ammissjoni, l-imputat/a ghandu jistenna mill-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, dik il-piena erogabbli skond il-ligi;

5. Issa din il-Qorti ma tistax taccetta li sehhet "*cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti*" kif ritenut fis-sentenzi minnha citati. Dak li sehh hu li l-appellanta rrealizzat li jekk ser tibqa' miexja inflagrante l-ordni tal-Qorti ser issib ruhha f'cirkostanzi xejn pjacevoli;

6. Ventilat dan, izda, irid jinghad illi l-iskop tal-leġislatur kif espress fl-artikolu 338 (ll) tal-Kodici Kriminali intlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni tal-parte ċivile illi llum il-ġurnata l-access

ghall-wild huwa wiehed li qed ikun aktar regolari. Ghal din ir-raguni biss, jidher li hemm lok ghal-temperament fil-piena u dan fl-interess u  għal ġid tal-partijiet u t-tarbija li għandhom flimkien.  U dan minghajr ma tkun diminwita l-gravita' tar-reat ta' din ix-xorta li pperpetwa ruhu b'mod kontinwat ghad-detriment sia tal-missier kif ukoll tal-wild. Din il-Qorti tqis bħala gravi ħafna sitwazzjoni fejn waħda mill-partijiet tirrifjuta li tagħti l-aċċess għall-minuri aktar u aktar meta dan l-aċċess ossia n-nuqqas tiegħu jkun abbinat ma' xi kwistjoni pekunari jew piki bejn il-partijiet. In-nuqqas ta' aċċess joħloq ansjeta kbira fuq il-partijiet kollha b'mod partikolari għat-tfal u xejn anqas lil dak jew dik il-ġenitur li tkun fid-dlam dwar il-wild tiegħu jew tagħha.

7. Minkejja li l-piena erogata hija fil-parametri tal-ligi u  ma hemm xejn esagerat dwarha, din il-Qorti ser takkorda temperament unikament ghar-ragunijet li dwarhom xehed il-kwerelant minkejja it-tbatija li ghadda minnha ghal xhur shah minghajr ma jara lill-ibnu;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan li **tikkonfermaha** fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha, **tirrevokaha** f'dik il-parti li fiha kkundannatha għal multa ta' mitejn (€200) Ewro  w minflok tikkundannaha għal multa ta' mitt Ewro (€100) pagabbli ghaxar ewro (€10) fl-ahhar ta' kull xahar bl-ewwel pagament dovut fl-ahhar ta' Gunju 2019.